REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 960/2008

tat-30 ta' Settembru 2008

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunità dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jirrigwarda l-istatistika tal-Komunità dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika Komunitarja dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni.

(2) Skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 jinħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni biex tiġi ddeterminata d-*data* li trid tiġi pprovduta għat-tħejjija ta' l-istatistika stabbilita fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tagħha.

(3) Il-miżuri previsiti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku mwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom [2],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-*data* li trid tiġi trażmessa għall-produzzjoni ta' l-istatistika Komunitarja dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni kif stipulat fl-Artikoli 3(2) u 4 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandha tkun kif hemm speċifikat fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u hu applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Settembru 2008.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 143, 30.4.2004, p. 49.

[2] ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

ANNESS I

MODULU 1: L-INTRAPRIŻI U S-SOĊJETÀ TA' L-INFORMAZZJONI

1. **Is-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom**

(a) Is-suġġetti li jridu jiġu koperti għas-sena ta' referenza 2009, magħżula mil-lista fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 808/2004, huma dawn li ġejjin:

— Sistemi ta' l-ICT u l-użu tagħhom fl-intrapriżi,

— użu ta' l-internet u netwerks elettroniċi mill-intrapriżi,

— proċessi ta' kummerċ elettroniku u ta' negozju elettroniku.

(b) Għandhom jinġabru l-karatteristiċi li ġejjin marbuta ma' l-intrapriżi:

Sistemi ta' ICT u l-użu tagħhom fl-intrapriżi

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi kollha:

— L-użu tal-kompjuter.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

— (fakultattiv) perċentwali ta' persuni impjegati li jużaw il-kompjuters ta' l-anqas darba fil-ġimgħa,

— użu ta' netwerk intern tal-kompjuters (eż. LAN),

— użu ta' home page interna (intranet),

— użu ta' extranet

— użu ta' esplojtazzjoni ħielsa jew b'sors miftuħ, bħal-Linux (jiġifieri bil-kodiċi tas-sors disponibbli, l-ebda spiża ta' drittijiet ta' l-awtur, u l-possibbiltà biex timmodifika u/jew tqassamha (mill-ġdid)),

— użu ta' teknoloġiji RFID.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw netwerk intern tal-kompjuters (eż. LAN):

— użu ta' aċċess bla wajers fin-netwerk intern tal-kompjuters (eż. LAN).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw l-RFID:

— użu ta' l-RFID għall-identifikazzjoni tal-prodott,

— użu ta' l-RFID għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-produzzjoni industrijali,

— użu ta' l-RFID għall-katina ta' forniment u għas-sejba u l-ittraċċjar ta' l-inventarju,

— użu ta' l-RFID għas-servizz u l-immaniġġjar taż-żamma ta' informazzjoni jew l-immaniġġjar ta' l-assi,

— użu ta' l-RFID għall-applikazzjonijiet ta' pagamenti,

— użu ta' l-RFID għall-identifikazzjoni ta' persuna jew il-kontroll ta' aċċess.

Użu ta' l-internet u netwerks elettroniċi mill-intrapriżi

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

— aċċess għall-internet.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li għandhom aċċess għall-internet:

— perċentwali ta' persuni impjegati li jużaw kompjuters imqabbda mal-World Wide Web ta' l-anqas darba fil-ġimgħa,

— konnessjoni ma' l-internet: modem tradizzjonali jew ISDN,

— konnessjoni ma' l-internet: DSL,

— konnessjoni ma' l-internet: konnessjoni fissa oħra ma' l-internet,

— konnessjoni ma' l-internet: konnessjoni bit-telefown ċellulari,

— użu (fakultattiv) ta' l-internet għal servizzi bankarji u finanzjarji,

— użu (fakultattiv) ta' l-internet għat-taħriġ u l-edukazzjoni,

— użu ta' l-internet f'interazzjoni ma' l-awtoritajiet pubbliċi, fis-sena kalendarja ta' qabel,

— użu ta' websajt.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li interaġixxew ma' awtoritajiet pubbliċi permezz ta' l-internet, fis-sena kalendarja ta' qabel:

— użu ta' l-internet għal ksib ta' tagħrif minn websajts ta' l-awtoritajiet pubbliċi, fis-sena kalendarja ta' qabel,

— użu ta' l-internet għal ksib ta' formoli mill-websajts ta' l-awtoritajiet pubbliċi, fis-sena kalendarja ta' qabel,

— użu ta' l-internet biex jintbagħtu lura l-formoli mimlija lill-awtoritajiet pubbliċi, fis-sena kalendarja ta' qabel,

— użu ta' l-internet li jieħu ħsieb il-proċedura amministrattiva kollha b'mod elettroniku mingħajr ma jinħtieġ xogħol addizzjonali ta' kitba, fis-sena kalendarja ta' qabel,

— użu ta' l-internet biex jintbagħtu l-proposti f'sistema elettronika ta' l-offerti (kuntratti pubbliċi b'mod elettroniku), fis-sena kalendarja ta' qabel.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li għandhom websajt:

— forniment (fakultattiv) tal-faċilità li ġejja: stqarrija speċifika dwar il-politika ta' privatezza, siġill ta' privatezza jew ċertifikat tas-sikurezza tal-websajt,

— forniment (fakultattiv) tal-faċilità li ġejja: katalogi tal-prodotti jew listi tal-prezzijiet,

— forniment (fakultattiv) tal-faċilità li ġejja: possibbiltà għal viżitaturi biex jippersonalizzaw jew jiddisinjaw il-prodotti,

— forniment (fakultattiv) tal-faċilità li ġejja: faċilità biex tordna, tirriżerva jew tibbukkja onlajn,

— forniment (fakultattiv) tal-faċilità li ġejja: faċilità li tittraċċa l-ordni onlajn,

— forniment (fakultattiv) tal-faċilità li ġejja: kontenut personalizzat għal viżitaturi regolari/repetuti,

— forniment (fakultattiv) tal-faċilità li ġejja: riklamar ta' postijiet tax-xogħol battala jew applikazzjoni għal xogħol onlajn.

Proċessi ta' kummerċ elettroniku u negozju elettroniku

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

— użu ta' skambju awtomatizzat ta' *data* (ADE), definit bħala skambju ta' messaġġi (eż. ordnijiet, fatturi, tranżazzjonijiet ta' ħlas jew deskrizzjoni ta' prodotti) permezz ta' l-internet jew netwerks oħra bil-kompjuter f'format miftiehem li jippermetti l-ipproċessar awtomatiku tagħhom (eż. XML, EDIFACT eċċ.) mingħajr ma l-messaġġ individwali jkun ittajpjat manwalment,

— tqassim elettroniku ta' tagħrif dwar l-immaniġġjar tal-katina tal-provvista mal-konsumaturi u l-fornituri,

— qsim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' tagħrif rilevanti dwar l-ordnijiet ta' bejgħ li waslu (elettronikament jew le) bil-funzjoni ta' l-inventarju ta' l-immaniġġjar,

— qsim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' tagħrif rilevanti dwar l-ordnijiet ta' bejgħ li waslu (elettronikament jew le) bil-funzjoni ta' l-immaniġġjar tal-kontijiet,

— qsim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' tagħrif rilevanti dwar l-ordnijiet ta' bejgħ li waslu (elettronikament jew le) bil-funzjoni ta' l-immaniġġjar tal-produzzjoni jew servizzi,

— qsim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' tagħrif rilevanti dwar l-ordnijiet ta' bejgħ li waslu (elettronikament jew le) bil-funzjoni tad-distribuzzjoni ta' l-immaniġġjar,

— qsim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' tagħrif rilevanti dwar l-ordnijiet ta' xiri li jitwasslu (elettronikament jew le) bil-funzjoni ta' l-inventarju ta' l-immaniġġjar,

— qsim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' tagħrif rilevanti dwar l-ordnijiet ta' xiri li jitwasslu (elettronikament jew le) bil-funzjoni ta' l-immaniġġjar tal-kontijiet,

— użu ta' pakkett ta' softwer ERP biex jinqasam tagħrif dwar il-bejgħ u/jew xiri ma' oqsma funzjonali interni (pereżempju, il-finanzi, l-ippjanar, it-tqegħid fis-suq),

— użu ta' kwalunkwe applikazzjoni ta' softwer għall-ġestjoni tat-tagħrif dwar il-klijenti (l-hekk imsejjaħ CRM) biex issir jaqbad, jaħżen u jagħmel għad-dispożizzjoni ta' funzjonijiet oħrajn tan-negozju t-tagħrif dwar il-klijenti tagħhom,

— użu ta' kwalunkwe applikazzjoni ta' softwer għall-immaniġġjar ta' tagħrif dwar il-klijenti (l-hekk imsejħa CRM) biex issir l-analiżi ta' dan it-tagħrif dwar il-klijenti għal finijiet ta' tqegħid fis-suq (iffissar tal-prezzijiet, promozzjoni tal-bejgħ, għażla tas-sistemi ta' distribuzzjoni, eċċ.),

— użu ta' firma diġitali fi kwalunkwe messaġġ mibgħut, jiġifieri metodi ta' kodifikazzjoni li jiżguraw l-awtentiċità u l-integrità tal-messaġġ (marbut unikament ma' u kapaċi jidentifika l-firmatarju u fejn kwalunkwe bidla fil-messaġġ tista' tiġi osservata).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw skambju awtomatizzat tad-*data*:

— użu ta' ADE biex: jintbagħtu l-ordnijiet lill-fornituri,

— użu ta' ADE biex: jiġu rċevuti invojsijiet elettroniċi,

— użu ta' ADE biex: jiġu rċevuti ordnijiet mill-klijenti,

— użu ta' ADE biex: jintbagħtu invojsijiet elettroniċi,

— użu ta' ADE biex: jintbagħat jew jiġi rċevut tagħrif dwar il-prodott,

— użu ta' ADE biex: jintbagħtu jew jiġu rċevuti dokumenti għat-trasport,

— (fakultattiv) użu tal-format ADE: ibgħit ta' struzzjonijiet ta' ħlas lill-istituzzjonijiet finanzjarji,

— (fakultattiv) użu tal-format ADE: ibgħit jew twassil ta' *data* lil/minn awtoritajiet pubbliċi.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters u li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima K tan-NACE Rev. 2:

— ordnaw permezz ta' kompjuter netwerks, fis-sena kalendarja preċedenti,

— irċevew ordnijiet permezz ta' kompjuter netwerks, fis-sena kalendarja preċedenti,

— (fakultattiv) problemi jew diffikultajiet għal kummerċ elettroniku: prodotti jew servizzi mhux adatti għal kummerċ eletroniku,

— (fakultattiv) problemi jew diffikultajiet għal kummerċ elettroniku: klijenti li ma jridux jixtru permezz ta' kummerċ elettroniku,

— (fakultattiv) problemi jew diffikultajiet għal kummerċ elettroniku: preokkupazzjonijiet ta' sigurtà,

— (fakultattiv) problemi jew diffikultajiet għal kummerċ elettroniku: problemi relatati mal-loġistika,

— (fakultattiv) problemi jew diffikultajiet għal kummerċ elettroniku: inċertezza dwar il-qafas legali,

— (fakultattiv) problemi jew diffikultajiet għal kummerċ elettroniku: kwistjonijiet tekniċi fl-implimentazzjoni tal-kummerċ elettroniku,

— (fakultattiv) problemi jew diffikultajiet għal kummerċ elettroniku: ħtieġa biex u organizzati mill-ġdid il-proċessi ta' negozju għal kummerċ elettroniku,

— (fakultattiv) problemi jew diffikultajiet għal kummerċ elettroniku: esperjenzi negattivi waqt bejgħ elettroniku fl-imgħoddi,

— (fakultattiv) problemi jew diffikultajiet għal kummerċ elettroniku: problemi lingwistiċi relatati ma' kummerċ elettroniku internazzjonali.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jaqsmu tagħrif dwar il-ġestjoni tal-katina tal-provvista mal-konsumaturi u l-fornituri:

— skambju ta' tagħrif mal-fornituri dwar l-inventarju, il-produzzjoni jew it-tbassir tad-domanda,

— (fakultattiv) skambju ta' tagħrif mal-fornituri dwar it-tbassir tad-domanda,

— (fakultattiv) skambju ta' tagħrif mal-fornituri dwar il-livelli ta' l-inventarju,

— (fakultattiv) skambju ta' tagħrif mal-fornituri dwar il-pjanijiet ta' produzzjoni,

— skambju ta' tagħrif mal-fornituri dwar il-progress tal-konsenji,

— skambju ta' tagħrif mal-klijenti dwar l-inventarju, il-produzzjoni jew it-tbassir tad-domanda,

— (fakultattiv) skambju ta' tagħrif mal-klijenti dwar it-tbassir tad-domanda,

— (fakultattiv) skambju ta' tagħrif mal-klijenti dwar il-livelli ta' l-inventarju,

— (fakultattiv) skambju ta' tagħrif mal-klijenti dwar il-pjanijiet ta' produzzjoni,

— skambju ta' tagħrif mal-klijenti dwar il-progress tal-konsenji,

— (fakultattiv) skambju ta' tagħrif mal-fornituri jew mal-klijenti permezz ta' websajts,

— (fakultattiv) skambju ta' tagħrif mal-fornituri jew il-klijenti permezz ta' skambju awtomatizzat ta' *data*.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li rċevew ordnijiet permezz ta' kompjuter netwerks u li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima K ta' l-NACE Rev. 2:

— perċentwali tal-bejgħ totali li jirriżulta minn ordnijiet li jaslu permezz ta' kompjuter netwerks, fis-sena kalendarja preċedenti,

— (fakultattiv) perċentwali tal-bejgħ kummerċjali elettroniku li jirriżulta minn ordnijiet li jaslu permezz ta' websajts, fis-sena kalendarja preċedenti,

— (fakultattiv) perċentwali tal-bejgħ kummerċjali elettroniku li jirriżulta minn ordnijiet li jaslu permezz ta' skambju awtomatizzat ta' *data*, fis-sena kalendarja preċedenti,

— (fakultattiv) perċentwali tal-bejgħ ta' kummerċ elettroniku li jirriżulta minn ordnijiet li jaslu permezz ta' skambju awtomatizzat ta' *data* bl-użu ta' l-internet, fis-sena kalendarja preċedenti,

— (fakultattiv) perċentwali tal-bejgħ ta' kummerċ elettroniku li jirriżulta minn ordnijiet li jaslu permezz ta' skambju awtomatizzat ta' *data* bl-użu ta' netwerks, fis-sena kalendarja preċedenti,

— bejgħ elettroniku b'destinazzjoni: fl-istess pajjiż,

— bejgħ elettroniku b'destinazzjoni: f'pajjiżi oħra ta' UE,

— bejgħ elettroniku b'destinazzjoni: fil-bqija tad-dinja,

— (fakultattiv) użu ta' sistemi ta' pagamenti onlajn għal bejgħ permezz ta' websajts,

— (fakultattiv) użu ta' sistemi ta' pagamenti offlajn għal bejgħ permezz ta' websajts,

— użu ta' protokolli ta' sigurtà (SSL/TLS) għal ordinijiet imwassla permezz ta' l-internet,

— (fakultattiv) effetti favorevoli ta' l-adozzjoni ta' bejgħ elettroniku: aċċess għal swieq ġodda, tkabbir fil-potenzjal tal-bejgħ,

— (fakultattiv) effetti favorevoli ta' l-adozzjoni ta' bejgħ elettroniku: anqas spejjeż għat-tranżazzjoni,

— (fakultattiv) effetti favorevoli ta' l-adozzjoni ta' bejgħ elettroniku: dħul akbar ta' qligħ,

— (fakultattiv) effetti favorevoli ta' l-adozzjoni ta' bejgħ elettroniku: effetti oħrajn.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li rċevew ordnijiet minn klijieti minn pajjiżi oħra ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' kompjuter netwerks u li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima K ta' l-NACE Rev. 2:

— (fakultattiv) bejgħ elettroniku b'destinazzjoni: il-pajjiż ta' l-UE bl-akbar valur ta' bejgħ elettroniku, fis-sena kalendarja preċedenti,

— (fakultattiv) bejgħ elettroniku b'destinazzjoni: il-pajjiż ta' l-UE bit-tieni l-akbar valur ta' bejgħ elettroniku, fis-sena kalendarja preċedenti,

— (fakultattiv) bejgħ elettroniku b'destinazzjoni: il-pajjiż ta' l-UE bit-tielet l-akbar valur ta' bejgħ elettroniku, fis-sena kalendarja preċedenti.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li bagħtu ordnijiet permezz ta' kompjuter netwerks u li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima K ta' l-NACE Rev. 2:

— perċentwali tal-valur tax-xiri totali li jirriżulta minn ordnijiet magħmula permezz ta' kompjuter netwerks, fi klassijiet ta' perċentwali, fis-sena kalendarja preċedenti ([0;1], [1;5], [5;10], [10;25], [25;50], [50;75], [75;100]),

— xiri elettroniċi skond l-oriġini: fl-istess pajjiż,

— xiri elettroniċi skond l-oriġini: f'pajjiżi oħra ta' UE,

— xiri elettroniċi skond l-oriġini: fil-bqija tad-dinja.

(c) Il-karatteristiċi li ġejjin dwar l-isfond ta' l-intrapriża għandhom jinġabru jew jinkisbu minn sorsi alternattivi:

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi kollha:

— l-attività ekonomika prinċipali għall-intrapriża, fis-sena kalendarja preċedenti,

— il-medja ta' l-għadd ta' persuni impjegati, fis-sena kalendarja preċedenti,

— lokalità fis-sens ta' reġjun ta' konverġenza/nuqqas ta' konverġenza, fis-sena kalendarja preċedenti.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima K tan-NACE Rev. 2:

— xiri totali ta' prodotti u servizzi (f'termini ta' valur, eskluża l-VAT), fis-sena kalendarja preċedenti,

— dħul totali mill-bejgħ (f'termini ta' valur, eskluża l-VAT), fis-sena kalendarja preċedenti.

2. **Kopertura**

Il-karatteristiċi speċifiċi fl-intestaturi 1(b) ta' dan l-Anness għandhom jinġabru u jinkisbu għall-intrapriżi kklassifikati fl-attivitajiet ekonomiċi li ġejjin, tad-daqs ta' intrapriża li ġej u bl-ambitu ġeografiku li ġej.

(a) Attività ekonomika: intrapriżi kklasifikati fil-kategoriji li ġejjin tan-NACE Rev. 2:

Kategorija NACE	Deskrizzjoni
Taqsima C	"Manifattura"
Taqsima D, E	"Elettriċità, gass u fwar, provvista ta' l-ilma, immaniġġjar ta' dranaġġ u ta' skart"
Taqsima F	"Kostruzzjoni"
Taqsima G	"Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi"
Taqsima H	"Trasport u ħażna"
Taqsima I	"Akkomodazzjoni u attivitajiet ta' servizz ta' l-ikel"
Taqsima J	"Tagħrif u komunikazzjoni"
Klassijiet 64.19, 64.92, 66.12 u 66.19 Gruppi 65.1 u 65.2	"Attivitajiet finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni"
Taqsima L	"Attivitajiet marbuta ma' proprjetà immobbli"
Diviżjonijiet 69-74	"Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi"
Taqsima N	"Attivitajiet amministrattivi u ta' sostenn"

(b) Daqs ta' l-intrapriża: intrapriżi b'10 persuni impjegati jew aktar. Intrapriżi b'anqas minn 10 persuni impjegati għandhom jiġu koperti b'mod fakultattiv.

(c) Ambitu ġeografiku: intrapriżi li jinsabu fi kwalunkwe parti tat-territorju ta' l-Istat Membru.

3. **Perjodi ta' referenza**

Il-perjodu ta' referenza hija s-sena 2008 għall-karatteristiċi li jirreferu għas-sena kalendarja preċedenti. Il-perjodu ta' referenza huwa Jannar 2009 għall-karatteristiċi l-oħra.

4. **Tqassim**

Għas-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness għandhom jingħataw il-karatteristiċi bl-isfond li ġejjin.

(a) Tqassim ta' l-attività ekonomika: skond l-aggregati NACE Rev. 2 li ġejjin:

Aggregazzjoni NACE Rev. 2 għal kalkolu possibbli ta' l-aggregati nazzjonali
10-18
19-22
23-25
26-33
35-39
41-43
45-47
49-53
55
56
58-63
64.19 + 64.92 + 65.1 + 65.2 + 66.12 + 66.19
68
69-74
77-82
79

Aggregazzjoni NACE Rev. 2 għal kalkolu possibbli ta' l-aggregati Ewropej
10-12
13-15
16-18
26
27-28
29-30
31-33
45
46
47
58-60
61
62-63
64.19 + 64.92
65.1 + 65.2
66.12 + 66.19
77-78 + 80-82

Id-*data* għandha tipprovdi tqassim permezz ta' l-aggregati NACE Rev. 11 rispettivi sabiex tiġi stabbilita l-komparabilità ta' *data* bejn iż-żewġ verżjonijiet tal-klassifikazzjoni ta' attività ekonomika.

Aggregazzjoni NACE
DA + DB + DC + DD + DE
DF + DG + DH
DI + DJ
DK + DL + DM + DN
45
50
51
52
55.1 + 55.2
60 + 61 + 62 + 63
64
65.12 + 65.22
66.01 + 66.03
72
70 + 71 + 73 + 74
92.1 + 92.2

Jekk kopert, it-tqassim li ġej għandu jiġi applikat għall-kategoriji fakultattivi NACE Rev. 1.1.

Aggregazzjoni NACE
22
40+41
55.3+55.4+55.5
92.3 sa 92.7
93
67.12 + 67.13 + 67.2

(b) Tqassim tad-daqs tal-klassi: id-*data* għandha titqassam skond il-klassijiet tad-daqs li ġejjin ta' l-għadd ta' persuni impjegati.

Daqs tal-klassi
10 persuni impjegati jew aktar
10 sa 49 persuni impjegati
50 sa 249 persuna impjegati
250 persuna impjegati jew aktar

Jekk kopert, it-tqassim li ġej għandu jiġi applikat għal intrapriżi li għandhom anqas minn 10 persuni impjegati. (Il-karatteristiċi għandhom jiġu pprovduti għal klassijiet ta' daqs "B'anqas minn 5 persuni impjegati" u "b'5 jew 9 persuni impjegati" b'mod fakultattiv.)

Daqs tal-klassi
Anqas minn 10 persuni impjegati (fakultattiv)
Anqas minn 5 persuni impjegati (fakultattiv)
5 sa 9 persuni impjegati (fakultattiv)

(c) Tqassim ġeografiku: id-*data* għandha tiġi mqassma fil-gruppi reġjonali li ġejjin:

Grupp Reġjonali
Reġjuni ta' konverġenza
Reġjuni mhux ta' konverġenza

5. **Perjodiċità**

Id-*data* għandha tiġi pprovduta darba għas-sena 2009.

6. **Limiti ta' żmien**

(a) Id-*data* aggregata, fejn meħtieġ immarkata bħala kunfidenzjali jew mhux attendibbli, imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandha tintbagħat lill-Eurostat qabel il-5 ta' Ottubru 2009. Sa dik id-data, il-ġabra ta' dataset għandha tkun iffinalizzata, ikkonvalidata u aċċettata. Il-format skedat ta' trażmissjoni li jinqara minn kompjuter għandu jsegwi l-istruzzjonijiet ipprovduti mill-Eurostat.

(b) Il-*metadata* msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandha tintbagħat lill-Eurostat qabel il-31 ta' Mejju 2009. Il-*metadata* għandha tkun skond il-mudell użat għar-rapporti pprovduti mill-Eurostat.

(c) Ir-rapport dwar kwalità msemmi fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandu jintbagħat lill-Eurostat qabel il-5 ta' Novembru 2009. Ir-rapport dwar il-kwalità għandu jkun skond il-mudell użat għar-rapporti pprovdut mill-Eurostat.

ANNESS II

MODULU 2: INDIVIDWI, DJAR U S-SOĊJETÀ TA' L-INFORMAZZJONI

1. **Is-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom**

(a) Is-suġġetti li jridu jiġu koperti għas-sena ta' referenza 2009, magħżula mil-lista fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 808/2004, huma dawn li ġejjin:

— aċċess u użu tas-sistemi ta' l-ICT minn individwi u/jew fid-djar,

— użu ta' l-internet għal raġunijiet differenti minn individwi u/jew familji,

— kompetenza ta' l-ICT,

— ostakli għall-użu ta' l-ICT u l-internet.

(b) Għandhom jinġabru l-karatteristiċi li ġejjin:

Aċċess u użu tas-sistemi ta' l-ICT minn individwi u/jew fid-djar

Karatteristiċi li jridu jinġabru għad-djar kollha:

— aċċess għal kompjuter id-dar,

— aċċess għall-internet id-dar, sew jekk jintuża sew jekk le.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għal djar b'aċċess għall-internet id-dar:

— strumenti wżati biex jinkiseb aċċess għall-internet fid-dar: kompjuter desktop,

— strumenti wżati biex jinkiseb aċċess għall-internet fid-dar: kompjuter li jista' jinġarr (laptop),

— strumenti wżati biex jinkiseb aċċess għall-internet fid-dar: strumenti mobbli oħrajn,

— (fakultattiv) strumenti wżati għall-aċċess għall-internet mid-dar: permezz ta' telefown ċellulari li jista' jaqbad ma' i-Internet,

— (fakultattiv) strumenti wżati għall-aċċess għall-internet mid-dar: permezz ta' kompjuter miżmum bl-idejn,

— strumenti wżati biex jinkiseb aċċess għall-internet fid-dar: sett tat-TV bi strument speċifiku għall-internet,

— strumenti wżati biex jinkiseb aċċess għall-internet fid-dar: console għal-logħob,

— strumenti wżati biex jinkiseb aċċess għall-internet fid-dar: mhux magħruf,

— tip ta' konnessjoni wżata biex jinkiseb aċċess għall-internet fid-dar: modem jew ISDN,

— tip ta' konnessjoni wżata biex jinkiseb aċċess għall-internet fid-dar: DSL (eż. ADSL, SHDSL),

— tip ta' konnessjoni wżata biex jinkiseb aċċess għall-internet fid-dar: konnessjoni broadband oħra (eż. kejbil, UMTS),

— tip ta' konnessjoni wżata biex jinkiseb aċċess għall-internet fid-dar: telefown ċellulari fuq in-narrowband (GPRS, eċċ.).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi kollha:

— l-użu l-aktar reċenti tal-kompjuter fid-dar, fix-xogħol jew f'post ieħor (f'dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; aktar minn sena ilu; qatt ma uża kompjuter).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li jkunu wżaw kompjuter f'dawn l-aħħar tliet xhur:

— frekwenza medja ta' użu tal-kompjuter (kuljum jew kważi kuljum; ta' l-inqas darba fil-ġimgħa (iżda mhux kuljum); ta' l-inqas darba fix-xahar (iżda mhux kull ġimgħa); anqas minn darba fix-xahar),

— (fakultattiv) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: id-dar,

— (fakultattiv) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: fuq il-post tax-xogħol (għajr id-dar),

— (fakultattiv) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: fuq il-post tat-tagħlim,

— (fakultattiv) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: f'dar ħaddieħor,

— (fakultattiv) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: x'imkien ieħor (eż. f'librerija pubblika, lukanda, ajruport, internet kafè).

Użu ta' l-internet għal raġunijiet differenti minn individwi u/jew familji

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi kollha:

— l-aktar użu reċenti ta' l-internet (f'dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; aktar minn sena ilu; qatt ma ntuża l-internet).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li diġà jkunu wżaw l-internet:

— l-aktar attività ta' kummerċ bl-internet reċenti għal użu privat (f'dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; aktar minn sena ilu; qatt ma sar xiri jew ordni),

— użu ta' l-internet biex issir imħatra (eż. imħatra fuq sports) jew logħob ta' l-użżard jew lottu f'dawn l-aħħar tnax-il xahar,

— (fakultattiv) għarfien tad-drittijiet fondamentali tal-konsumaturi fl-UE fir-rigward ta' xiri onlajn ta' oġġetti mill-internet (esklużi l-irkantijiet): tħassir ta' xiri u dritt għal rimborż fi żmien qasir għal biċċa l-kbira ta' l-oġġetti,

— (fakultattiv) għarfien tad-drittijiet fondamentali tal-konsumaturi fl-UE fir-rigward ta' xiri onlajn ta' oġġetti mill-internet (esklużi l-irkantijiet): twassil ta' l-oġġetti fi żmien massimu ta' 30 ġurnata wara li ssir l-ordni (sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor fil-kuntratt bejn iż-żewġ partijiet),

— (fakultattiv) għarfien tad-drittijiet fondamentali tal-konsumaturi fl-UE fir-rigward ta' xiri onlajn ta' oġġetti mill-internet (esklużi l-irkantijiet): privatezza u protezzjoni tad-*data* (eż. l-għoti tal-kunsens għall-ipproċessar ta' *data* li jmur lilhinn mill-ordni u mir-rekwiżiti ta' ħlas),

— (fakultattiv) għarfien tad-drittijiet fondamentali tal-konsumaturi fl-UE fir-rigward ta' xiri onlajn ta' oġġetti mill-internet (esklużi l-irkantijiet): dritt li wieħed jiġi informat dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali,

— (fakultattiv) għarfien tad-drittijiet fondamentali tal-konsumaturi fl-UE fir-rigward ta' xiri onlajn ta' oġġetti mill-internet (esklużi l-irkantijiet): ebda wieħed minn dawn ta' hawn fuq.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li jkunu użaw l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur:

— frekwenza medja ta' użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur (kuljum jew kważi kuljum; ta' l-inqas darba fil-ġimgħa (iżda mhux kuljum); ta' l-inqas darba fix-xahar (iżda mhux kull ġimgħa); anqas minn darba fix-xahar),

— fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: id-dar,

— fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: fuq il-post tax-xogħol (għajr id-dar),

— fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: fuq il-post tat-tagħlim,

— fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: f'dar ħaddieħor,

— fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: x'imkien ieħor,

— (fakultattiv) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: librerija pubblika,

— (fakultattiv) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: uffiċċju tal-posta,

— (fakultattiv) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: uffiċċju pubbliku, muniċipju jew aġenzija tal-gvern,

— (fakultattiv) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: għaqda tal-komunità jew volontarja,

— (fakultattiv) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: internet kafè,

— (fakultattiv) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: hotspot (f'lukandi, ajruporti, postijiet pubbliċi eċċ.),

— użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-internet: telefown ċellulari,

— użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-internet: telefown ċellulari permezz tal-GPRS,

— użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-internet: telefown ċellulari permezz tal-UMTS, HSDPA (3G, 3G+),

— użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-internet: kompjuter ta' l-id (palmtop, PDA),

— użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-internet: kompjuter li jista' jinġarr (laptop) permezz ta' konnessjoni bla wajers mhux mid-dar jew mix-xogħol,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jibgħat u/jew jirċievi l-e-mails,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati għal telefonati minn fuq l-internet, telefonati viżivi (permezz ta' webcam) minn fuq l-internet,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jibgħat messaġġi fuq chat sites, blogs, newsgroups jew forum ta' diskussjoni onlajn, l-użu ta' l-ibgħit instantanju ta' messaġġi,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed isib tagħrif dwar oġġetti u servizzi,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed juża servizzi marbuta ma' l-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jisma' r-radju u/jew jara t-televixin fuq il-web,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed itella' kontenut maħluq minnu stess (test, stampi, ritratti, vidjos, mużika eċċ.) fi kwalunkwe websajt biex jitqassam,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed iniżżel softwer (ħlief softwer tal-logħob),

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jilgħab jew jiddawnlowdja l-logħob, l-istampi, il-films jew il-mużika,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jaqra jew iniżżel aħbarijiet, gazzetti u rivisti ta' l-aħbarijiet onlajn,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed ifittex xogħol jew jibgħat applikazzjoni għal xogħol,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed ifittex tagħrif dwar is-saħħa,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati għall-użu ta' servizzi bankarji fuq l-internet,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati għall-bejgħ ta' prodotti jew servizzi, eż. permezz ta' rkantijiet,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed ifittex tagħrif dwar offerti edukattivi, ta' taħriġ jew ta' korsijiet,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jagħmel kors onlajn (fi kwalunkwe suġġett),

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jikkonsulta l-internet għall-fini ta' tagħlim,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jikseb tagħrif minn websajts ta' awtoritajiet pubbliċi,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għal finijiet privati biex wieħed jikseb tagħrif minn websajts ta' awtoritajiet pubbliċi,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed iniżżel formoli uffiċjali minn websajts ta' awtoritajiet pubbliċi,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għal finijiet privati biex wieħed iniżżel formoli uffiċjali minn websajts ta' awtoritajiet pubbliċi,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jibgħat formoli mimlijin lill-awtoritajiet pubbliċi,

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għal finijiet privati biex wieħed jibgħat formoli mimlijin lill-awtoritajiet pubbliċi.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-individwi li wżaw l-internet fl-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex ifittxu tagħrif dwar oġġetti jew servizzi:

— (fakultattiv) it-tagħrif intuża biex jinxtraw oġġetti jew servizzi,

— (fakultattiv) it-tagħrif intuża biex isir xiri bl-internet.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li jkunu wżaw l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex jaqraw jew iniżżlu aħbarijiet, gazzetti u rivisti ta' l-aħbarijiet onlajn:

— użu ta' l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jaqra jew iniżżel aħbarijiet, gazzetti jew rivisti ta' l-aħbarijiet onlajn li l-individwu jkun abbona għalihom biex jirċivihom regolarment.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-individwi li jkunu wżaw l-internet għal attivitajiet kummerċjali bl-internet għal użu privat f'dawn l-aħħar tnax-il xahar:

— użu ta' l-internet biex wieħed jordna l-ikel jew il-merċa fl-aħħar tnax-il xahar,

— użu ta' l-internet biex wieħed jordna oġġetti tad-dar fl-aħħar tnax-il xahar,

— użu ta' l-internet biex wieħed jordna mediċina fl-aħħar tnax-il xahar,

— użu ta' l-internet biex wieħed jordna films jew mużika fl-aħħar 12-il xahar (irid jiġi rrapportat separatament għal films: jekk ġew ikkunsinjati onlajn; għandu jiġi rapportat separatament għal mużika: jekk ġew ikkunsinjati onlajn),

— użu ta' l-internet biex wieħed jordna kotba, rivisti, gazzetti jew materjal ta' tagħlim elettroniku fl-aħħar 12-il xahar (irid jiġi rrapportat separatament: jekk ġew ikkunsinjati onlajn),

— użu ta' l-internet biex wieħed jordna ħwejjeġ jew oġġetti sportivi fl-aħħar tnax-il xahar,

— użu ta' l-internet biex wieħed jordna softwer għal logħob bil-kompjuter u upgrades f'dawn l-aħħar tnax-il xahar (għandu jiġi rapportat separatament ma' softwer għal-kompjuter u upgrades: jekk ġew ikkunsinjati onlajn),

— użu ta' l-internet biex wieħed jordna kompjuter softwer u upgrades f'dawn l-aħħar tnax-il xahar (għandu jiġi rapportat separatament ma' softwer għal logħob bil-kompjuter u upgrades: jekk ġew ikkunsinjati onlajn),

— użu ta' l-internet biex wieħed jordna ħardwer tal-kompjuter fl-aħħar tnax-il xahar,

— użu ta' l-internet biex wieħed jordna tagħmir elettroniku (inklużi kameras) fl-aħħar tnax-il xahar,

— użu ta' l-internet biex jiġu ordnati servizzi ta' telekomunikazzjoni (eż. TV, abbonament fi broadband, abbonament f'linja fissa jew telefown ċellulari, tqegħid ta' flus f'kards telefoniċi mħallsa minn qabel),

— użu ta' l-internet għax-xiri ta' ishma, polzi ta' assigurazzzjoni u servizzi finanzjarji oħra fl-aħħar tnax-il xahar,

— użu ta' l-internet għal akkomodazzjoni waqt btala (lukandi, eċċ.) fl-aħħar tnax-il xahar,

— użu ta' l-internet biex wieħed jordna arranġamenti oħra ta' vvjaġġar (biljetti għat-trasport, kiri ta' karozza, eċċ.; għandu jiġi rapportat separatament ma' biljett għal avvenimenti: jekk ġew ikkunsinjati onlajn),

— użu ta' l-internet biex wieħed jordna biljetti għal avvenimenti fl-aħħar 12-il xahar (għandu jiġi rapportat separatament mal-biljetti għall-ivvjaġġar: jekk ġew ikkunsinjati onlajn),

— użu ta' l-internet biex wieħed jordna oġġetti jew servizzi oħrajn fl-aħħar tnax-il xahar,

— oġġetti jew servizzi mixtrija jew ordnati fl-aħħar tnax-il xahar minn bejjiegħa nazzjonali,

— oġġetti jew servizzi mixtrija jew ordnati fl-aħħar tnax-il xahar minn bejjiegħa minn pajjiżi oħrajn ta' l-UE,

— oġġetti jew servizzi mixtrija jew ordnati fl-aħħar tnax-il xahar minn bejjiegħa mill-bqija tad-dinja,

— oġġetti jew servizzi mixtrija jew ordnati fl-aħħar tnax-il xahar: il-pajjiżi ta' l-oriġini tal-bejjiegħa mhux magħruf,

— (fakultattiv) għadd ta' ordnijiet jew oġġetti jew servizzi mixtrija bl-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur (1-5 ordnijiet/xirjiet; bejn >5 u 10 ordnijiet/xirjiet, >10 ordnijiet/xirjiet; mhux magħruf),

— (fakultattiv) valur totali ta' l-oġġetti jew is-servizzi (minbarra ishma jew servizzi finanzjarji oħrajn) mixtrija bl-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur (ammont f'valuta nazzjonali jew fi klassijiet, jekk l-ewro hi l-valuta nazzjonali: anqas minn 50 ewro, minn 50 ewro sa anqas minn 100 ewro, minn 100 sa anqas minn 500 ewro, minn 500 sa anqas minn 1 000 ewro, 1 000 ewro jew aktar; mhux magħruf),

— metodu ta' ħlas għal oġġetti jew servizzi ordnati bl-internet għal użu privat f'dawn l-aħħar tnax-il xahar: l-għoti ta' dettalji dwar kards ta' kreditu jew debitu bl-internet,

— metodu ta' ħlas għal oġġetti jew servizzi ordnati bl-internet għal użu privat f'dawn l-aħħar tnax-il xahar: l-għoti bl-internet ta' dettalji dwar kard imħallsa minn qabel jew kont imħallas minn qabel,

— metodu ta' ħlas għal oġġetti jew servizzi ordnati bl-internet għal użu privat f'dawn l-aħħar tnax-il xahar: trasferiment bankarju b'mod elettroniku permezz ta' l-ibbankjar bl-internet,

— metodu ta' ħlas għal oġġetti jew servizzi ordnati bl-internet għal użu privat f'dawn l-aħħar tnax-il xahar: pagament mhux permezz ta' l-internet (fi flus kontanti, permezz ta' trasferiment bankarju ordinarju, eċċ.),

— problemi ffaċċjati f'dawn l-aħħar tnax-il xahar waqt xiri jew l-ordni ta' oġġetti jew servizzi bl-internet għal użu privat irrispettivament mit-tip ta' problema,

— għażla uża' ta' oġġetti jew servizzi hi r-raġuni għall-ordni ta' oġġetti jew servizzi permezz ta' l-internet għal finijiet privati (imporanti ħafna; sa ċertu punt; lanqas xejn),

— prezzijiet orħos hi r-raġuni għall-ordni ta' oġġetti jew servizzi permezz ta' l-internet għal finijiet privati (importanti ħafna; sa ċertu punt; lanqas xejn),

— websajt li faċilment tuża hi r-raġuni għall-ordni ta' oġġetti jew servizzi permezz ta' l-internet għal finijiet privati (importanti ħafna; sa ċertu punt; lanqas xejn),

— konvenjenza (eż. anqas konsum ta' ħin, xiri fil-ħin li trid, transkonfinali) hi raġuni għall-ordni ta' oġġetti jew servizzi permezz ta' l-internet għal finijiet privati (importanti ħafna; sa ċertu punt; lanqas xejn),

— opportunità li tixtri prodotti li ma jinstabux fiż-żona jew reġjun hi raġuni għall-ordni ta' oġġetti jew servizzi permezz ta' l-internet għal finijiet privati (importanti ħafna; sa ċertu punt; lanqas xejn),

— ċertifika ta' kwalità ta' servizzi tal-websajts minn entità indipendenti jew disponibilità ta' marka ta' fiduċja magħrufa hi raġuni għal ordni ta' oġġetti jew servizzi permezz ta' l-internet għal finijiet privati (importanti ħafna; sa ċertu punt; lanqas xejn),

— klassifika ta' opinjonijiet u informazzjoni mogħtija lura hi r-raġuni għall-ordni ta' oġġetti jew servizzi permezz ta' l-internet għal finijiet privati (importanti ħafna; sa ċertu punt; lanqas xejn),

— ċertezza dwar id-drittijiet u l-garanziji legali hi r-raġuni għall-ordni ta' oġġetti jew servizzi permezz ta' l-internet għal finijiet privati (importanti ħafna; sa ċertu punt; lanqas xejn),

— kondizzjonijiet ta' bejgħ li jinqraw waqt ix-xiri ta' oġġetti jew servizzi bl-internet għal użu privat (dejjem; xi kultant; qatt).

Karatteristiċi li għandhom jiġġabru għall-individwi li jkunu wżaw l-internet għal attivitajiet kummerċjali bl-internet għal użu privat f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għal xiri ta' mediċina:

— (fakultattiv) attivitajiet kummerċjali bl-internet għal ordni ta' mediċina b'riċetta,

— (fakultattiv) attivitajiet kummerċjali bl-internet għal ordni ta' mediċina mingħajr riċetta.

Karatteristiċi li għandhom jiġġabru għall-individwi li jkunu wżaw l-internet għal attivitajiet kummerċjali għal użu privat f'dawn l-aħħar tnax-il xahar u li ffaċċjaw kwalunkwe problema fil-kummerċ bl-internet:

— problemi ffaċċjati fil-kummerċ bl-internet: ħsara teknika fil-websajt waqt l-ordni jew il-ħlas,

— problemi ffaċċjati fil-kummerċ bl-internet: diffikultajiet biex jinsab tagħrif dwar garanziji u drittijiet legali oħra,

— problemi ffaċċjati fil-kummerċ bl-internet: veloċità ta' twassil aktar baxxa minn dak indikat,

— problemi ffaċċjati fil-kummerċ bl-internet: spejjeż finali ogħla minn dawk indikati (eż. pustaġġ ogħla, ħlas mhux mistenni għat-tranżazzjoni),

— problemi ffaċċjati fil-kummerċ bl-internet: twassil ta' oġġetti mhux ordnati jew li saritilhom ħsara,

— problemi ffaċċjati fil-kummerċ bl-internet: problemi ta' frodi li wieħed seta' ltaqa' magħhom (eż. ma ntbagħat ebda jew ma ngħata ebda oġġett/servizz, użu ħażin ta' detalji tal-kard ta' kreditu),

— problemi ffaċċjati fil-kummerċ bl-internet: diffikultà dwar ilment jew rimborż jew ebda tweġiba ta' sodisfazzjoni wara lment,

— problemi ffaċċjati fil-kummerċ bl-internet: oħrajn.

Kompetenza fl-ICT

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-individwi li jkunu xi darba użaw kompjuter:

— (fakultattiv) l-aktar kors ta' taħriġ reċenti ta' mill-inqas tliet sigħat dwar kwalunkwe aspett ta' l-użu tal-kompjuter (f'dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; bejn sena u tliet snin ilu; aktar minn tliet snin ilu; qatt ma ħadt kors),

— ħiliet fil-kompjuter ta' kkuppjar jew ċaqliq ta' fajl jew fowlder,

— ħiliet fil-kompjuter għall-użu ta' l-għodda ta' kkuppjar u ppejstjar jew ċaqliq ta' informazzjoni fi ħdan dokument,

— ħiliet fil-kompjuter għall-użu ta' formoli ta' aritmetika bażiċi ġewwa spreadsheet,

— ħiliet fil-kompjuter għall-ikkompressar (jew iżżippjar) ta' fajls,

— ħiliet fil-kompjuter għall-konnessjoni jew installazzjoni ta' strumenti ġodda, eż. printer jew modem,

— ħiliet fil-kompjuter fil-kitba ta' programmi tal-kompjuter bl-użu ta' lingwa speċjalizzata ta' pprogrammar.

Xkiel għall-użu ta' l-ICT u l-internet.

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għal familji b'aċċess għall-internet fid-dar, iżda mhux permezz ta' kollegament broadband:

— xkiel għall-aċċess mid-dar għall-internet permezz ta' broadband: għali wisq,

— xkiel għall-aċċess mid-dar għall-internet permezz ta' broadband: ebda ħtieġa,

— xkiel għall-aċċess mid-dar għall-internet permezz ta' broadband: ma jinstabx fiż-żona tiegħi,

— xkiel għall-aċċess mid-dar għall-internet permezz ta' broadband: għandi aċċess broadband band'oħra (eż. fuq ix-xogħol),

— xkiel għall-aċċess mid-dar għall-internet permezz ta' broadband: ebda waħda minn dawn ta' hawn fuq, iżda raġunijiet oħrajn.

Karatteristiċi li għandhom jingħabru għall-individwi li jkunu wżaw l-internet iżda dan ma għamluhx għal attivitajiet ta' kummerċ bl-internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar:

— ostakli għal kummerċ bl-internet: ebda ħtieġa,

— ostakli għal kummerċ bl-internet: preferenza għal xiri li jsir fuq il-post, aħjar wieħed jara l-prodott, lealtà lejn il-ħwienet, bħala drawwa,

— ostakli għal kummerċ bl-internet: tagħrif rilevanti dwar oġġetti u servizzi li hu diffiċli li jinstab fil-websajt,

— ostakli għal kummerċ bl-internet: nuqqas ta' ħiliet,

— ostakli għal kummerċ bl-internet: it-twassil ta' l-oġġetti ordnati bl-internet hu problema (eż. jieħu wisq ħin jew diffiċli mil-lat loġistiku),

— ostakli għal kummerċ bl-internet: preokkupazzjonijiet minħabba s-sigurtà li tinvolvi l-ħlas (eż. l-għoti tad-dettalji tal-kard ta' kreditu bl-internet),

— ostakli għal kummerċ bl-internet: preokkupazzjonijiet minħabba l-privatezza (eż. l-għoti tad-dettalji personali bl-internet),

— ostakli għal kummerċ bl-internet: preokkupazzjonijiet dwar il-fiduċja li wieħed jirċievi jew li jibgħat lura oġġetti, preokkupazzjonijiet dwar ilmenti jew rimborż,

— ostakli għal kummerċ bl-internet: ebda kard ta' pagament li biha jista' jsir ħlas bl-internet,

— ostakli għal kummerċ bl-internet: veloċità tal-konnessjoni ta' l-internet hi baxxa wisq,

— ostakli għal kummerċ bl-internet: oħrajn.

2. **Kopertura**

(a) L-unitajiet statistiċi li jridu jiġu rappreżentati għall-karatteristiċi elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness li jikkonċernaw id-djar huma djar li fihom ta' l-anqas membru wieħed fil-grupp b'età bejn 16 u 74.

(b) L-unitajiet statistiċi li jridu jiġu rappreżentati għall-karatteristiċi elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness jikkonċernaw individwi li huma individwi b'età bejn 16 u 74.

(c) L-ambitu ġeografiku għandu jkopri djar u/jew individwi li jkunu jgħixu fi kwalunkwe parti tat-territorju ta' l-Istat Membru.

3. **Perijodu ta' referenza**

Il-perjodu ewlieni ta' referenza għall-istatistika li trid tinġabar huwa l-ewwel kwart ta' l-2009.

4. **Tqassim**

(a) Għas-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness li għandhom x'jaqsmu mad-djar, għandom jinġabru l-karatteristiċi ta' sfond li ġejjin:

— reġjun ta' residenza (irid jinġabar skond il-klassifikazzjoni tar-reġjuni NUTS1),

— (fakultattiv) reġjun ta' residenza skond il-klassifikazzjoni NUTS2,

— lokalità ġeografika: għixien f'reġjuni ta' konverġenza (inklużi reġjuni għal tneħħija gradwali); għixien f'kompetizzjoni reġjonali u reġjuni ta' impjiegi,

— grad ta' urbanizzazzjoni: għixien f'żoni ta' popolazzjoni densa; għixien f'żoni ta' popolazzjoni intermedja; għixien f'żoni ta' popolazzjoni skarsa,

— tip ta' familja: għadd ta' membri fil-familja (irid jinġabar separatament: għadd ta' tfal taħt is-16),

— (fakultattiv) dħul nett fix-xhar tal-familja (jinġabar bħala valur jew bl-użu tal-kwartili).

(b) Għas-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness li għandhom x'jaqsmu ma' individwi, għandhom jinġabru l-karatteristiċi ta' sfond li ġejjin:

— reġjun ta' residenza (irid jinġabar skond il-klassifikazzjoni tar-reġjuni NUTS1),

— (fakultattiv) reġjun ta' residenza skond il-klassifikazzjoni NUTS2,

— lokalità ġeografika: għixien f'reġjuni ta' konverġenza (inklużi reġjuni għal tneħħija gradwali); għixien f'kompetizzjoni reġjonali u reġjuni ta' impjiegi,

— grad ta' urbanizzazzjoni: għixien f'żoni ta' popolazzjoni densa; għixien f'żoni ta' popolazzjoni intermedja; għixien f'żoni ta' popolazzjoni skarsa,

— sess: maskili; mara,

— età (trid tinġabar bħala valur jew bl-użu tal-gruppi ta' l-età): taħt is-16 (fakultattiv); 16 sa 24; 25 sa 34; 35 sa 44; 45 sa 54; 55 sa 64; 65 sa 74; 'il fuq minn 74 (fakultattiv),

— l-ogħla livell ta' edukazzjoni mitmum skond il-Klassifikazzjoni ta' l-Istandards Internazzjonali tal-Livelli Edukattivi (ISCED 97): baxx (ISCED 0, 1 jew 2); medju (ISCED 3 jew 4); għoli (ISCED 5 jew 6),

— sitwazzjoni ta' l-impjieg: impjegat jew jaħdem għal rasu inklużi dawk ħaddiema tal-familja; bla xogħol; studenti li mhumiex fil-forza tax-xogħol; oħrajn li mhumiex fil-forza tax-xogħol,

— impjieg skond il-Klassifika ta' l-Istandards ta' l-Impjiegi Internazzjonali (ISCO-88): ħaddiema ta' l-idejn, ħaddiema mhux ta' l-idejn; ħaddiema ta' l-ICT, ħaddiema mhux ta' l-ICT.

5. **Perjodiċità**

— Id-*data* għandha tiġi pprovduta darba għas-sena 2009.

6. **Skadenzi għat-trażmissjoni tar-riżultati**

(a) Id-*data* aggregata, fejn meħtieġ immarkata bħala kunfidenzjali jew mhux attendibbli, imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandha tintbagħat lill-Eurostat qabel il-5 ta' Ottubru 2009. Sa dik id-data, il-ġabra ta' dataset għandha tkun iffinalizzata, ikkonvalidata u aċċettata. Il-format skedat ta' trażmissjoni li jinqara minn kompjuter għandu jsegwi l-istruzzjonijiet ipprovduti mill-Eurostat.

(b) Il-*metadata* msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandha tintbagħat lill-Eurostat qabel il-31 ta' Mejju 2009. Il-*metadata* għandha tkun skond il-mudell użat għar-rapporti pprovduti mill-Eurostat.

(c) Ir-rapport dwar kwalità msemmi fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandu jintbagħat lill-Eurostat qabel il-5 ta' Novembru 2009. Ir-rapport dwar il-kwalità għandu jkun skond il-mudell użat għar-rapporti pprovdut mill-Eurostat.